**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**Laqgħa Numru 18/13(29_04_13).**

Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 29 t' April 2013, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

Il-Kunsill iltaqa' fis-7.00 ta' filgħaxija.

Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier u s-Sur Robert Mallia - Kunsillier.

Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fil-25 t' April 2013.

1. Festa 2013 ta' San Pawl Nawfragu, Il-Munxar.
2. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
3. Rapport tas-Sindku.
4. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
5. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
6. Materji oħra.

Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**1.00 Festa 2013 ta' San Pawl Nawfragu, Il-Munxar.**

1.01 Din is-sena l-Festa ser tiġi ċċelebrata fil-25 u 26 ta' Mejju 2013. Il-Kunsill kien ser jipprovdi l-*High-Up* għall-armar u ser jipprovdi *mobile toilet* għal ġol-Pjazza tal-Knisja.

**2.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

2.01 Fi Triq ir-Rumani sar xogħol ta' twittija bil-gaffa sabiex it-triq tiġi livellata u jitnaqqas l-inkonvenjent lir-residenti. Sar xi *patching* fit-toroq u tranġa *gutter* fuq bankina fi Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina.
Fix-Xlendi, il-*Beach Cleaners* qed jiżbgħu bħalma għamlu fis-snin l-imgħoddija. Il-Kunsill ser iġib stima sabiex jirranġa l-grada ta' Triq San Xmun peress li din inqalgħet u qed tħabbat.
Beda jinqata' l-ħaxix fil-Munxar.

## 3.00 Rapport tas-Sindku.

3.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienu saru laqgħat mal-Koordinatur tal-Ministeru għal Għawdex fuq il-Kunsilli Lokali. Għal din il-laqgħa attendew is-Sur Philip Vella u s-Sur Oliver Bonello min-naħa tal-Ministeru u s-Sindku u Segretarju Eżekuttiv min-naħa tal-Kunsill. Saret laqgħa oħra ma' Uffiċjali tas-CMU dwar xogħlijiet fil-Munxar u Ix-Xlendi. Għal din il-laqgħa attendew is-Sur Anthony Debono, is-Sur Noel Cardona u s-Sur George Said li rrappreżentaw is-CMU u s-Sindku u Segretarju Eżekuttiv irrappreżentaw lill-Kunsill. F' din il-laqgħa ġew diskussi x-xogħlijiet urġenti u pjanijiet għal-Bajja tax-Xlendi.

3.02 Is-Sindku attenda għal-laqgħa li saret il-Ministeru għal Għawdex ma' dawk il-Kunsilli li għandhom bajja sabiex isiru l-preparamenti għas-sajf. Għal din il-laqgħa attendew is-Sindku u l-Kunsillier Carmen Said.

3.03 Is-Sindku attenda għal-laqgħa mal-*Paying Office* dwar il-fondi u f'hiex waslu x-xogħlijiet.

3.04 Is-Sindku ġie avviċinat mis-Sinjura ta' John Aquilina fejn qed toffri abbozz tal-*bust* tal-Professur Aquilina sabiex il-*bust* ta' dan il-professur isir minn fuq din.

3.05 Is-Sindku ltaqa' flimkien mas-Sindku ta' Sannat, il-Kappillan tal-Munxar, l-Arċipriet ta' Sannat u mas-Surmast tal-Iskola Primarja ta' Sannat fejn tressqet il-proposta li studenti tal-*Year* 6 li ser ikunu sejrin għall-*Form* 1 jagħtuhom ċertifikat FOSTOC (From Our School to Our Community) wara li jkunu għamlu xi sigħat xogħol fil-komunita'. Il-Kunsill qabel li dawn l-istudenti jiġu utilizzati mill-Parroċċa għal waqt is-*Summer School*.

3.06 Is-Sindku kien attenda flimkien mal-Perit Saliba għal-laqgħa tal-Bord tal-MEPA dwar it-tiġdid tal-permess tal-Wied tax-Xlendi. Il-Bord qed jinsisti li l-Kunsill jaqla' l-*bridge* qabel ma jinħareġ il-permess.

3.07 Is-Sindku għadu qed jistenna mingħand Transport Malta sabiex issir il-*bus shelter* ta' quddiem Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina. Huwa kien ser jikteb lill-Ministru responsabbli minn Transport Malta.

3.08 Kienet saret laqgħa mid-Dipartiment tal-Agrikultura dwar il-Bexx tal-Palm. Issa l-Kunsill irid jindika fuq *site plan* ta' fejn hemm xi siġar tal-Palm u jsir il-bexx regolari.

## 4.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva talba sabiex Triq il-Munxar issir *one way* jew issir *road hump* sakemm ix-xogħlijiet fil-Fontana jitlestew. Peress li Triq Fontana ser tinfetaħ dalwaqt, il-Kunsill ma jaqbilx ma' din il-proposta.

4.02 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva talba sabiex il-parti ta' ġewwa ta' Sqaq Dun Mikiel Anġ. Spiteri jinkesa bil-*concrete*. Il-Kunsill ma jaqbilx għaliex s'issa għad m'hemmx provi li din l-art hija pubblika.

4.03 Is-Segretarju Eżekuttiv ġie avviċinat minn persuna li qed titlob li l-ħamrija li titneħħa mill-Wied tax-Xlendi tintefa' fl-għalqa tiegħu. Il-Kunsill ser jieħu diċiżjoni meta jkun ser jinbeda dan ix-xogħol.

4.04 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fil-Magażin *let's gozo* kien hemm *feature* dwar ktejjeb ta' mixjiet fil-Munxar u Ix-Xlendi li l-Għaqda Inħobbu l-Munxar u x-Xlendi ppubblikat dan l-aħħar. F'dan l-artiklu kien hemm indikat li ktejjeb fuq dawn il-mixjiet jista' jinkiseb mill-Kunsill. Is-Sindku kien ser ikellimhom sabiex jipprovdu kopja sabiex jitqassam mill-Kunsill kif indikat fl-artiklu.

4.05 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li issa kien wasal iż-żmien li jiġi impjegat skrivan/skrivana oħra peress li x-xogħol żdied ħafna u s-Segretarju Eżekuttiv u l-Assistent Uffiċjal Prinċipali qed isibuha diffiċli ħafna biex jieħdu l-*vacation leave*. Huwa ssuġġerixxa li jitqabbad xi ħadd *full-time* sabiex din il-persuna tkun tista' tieħu ħsieb ukoll il-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi. Il-Kunsill qabel u kienet ser issir talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni.

4.06 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li hemm bżonn li tinstab xi persuna li tieħu ħsieb issaqqi Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina u l-Pjazzetta ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957, darbtejn fil-ġimgħa. Is-Sur Ryan Debrincat ser ikellem lill-Kumitat tal-Munxar Falcons sabiex jekk huma interessati, jagħtu stima.

4.07 Is-Segretarju Eżekuttiv kien talab stima sabiex isiru *pedestrian signs* għaż-*zebra crossing* li jaħdmu bix-xemx. Kull *sign* ser jiswa €280.84 filwaqt li kull arblu ser jiswa €90.27. Ġie deċiż li dawn jitwaħħlu ma' kull *zebra crossing*.

**5.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

5.01 Is-Sinjura Carmen Said ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar dawk l-iskips ta' stabbilimenti kummerċjali li tpoġġew quddiem il-*boat houses*. Issa kien wasal iż-żmien li dawn jitneħħew peress li qed ikunu ta' inkonvenjent għas-sidien tal-*boat houses*. Is-Sindku kien ser ikellem lis-sidien.

5.02 Is-Sur Ryan Debrincat talab li fi Triq ir-Ranċiż issir rampa fil-bankina eżattament quddiem Vella Flats, in-naħa tal-*main road*. Talab ukoll sabiex isir *heavy pruning* tas-siġar tal-Pjazza tal-Knisja, qabel ma tasal il-festa. Talab ukoll il-*high-up* għall-armar tal-festa.

**6.00 Materji oħra.**

6.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li saret talba sabiex isir *double yellow lines* fi Triq iż-Żirżieb. Sid Hotel Xlendi qed jilmenta li xi ħadd ressaq il-*litter bin* għal quddiem l-entratura.

6.02 Is-Sindku irċieva talba mingħand sid ta' *basement garage* fi Triq San Pawl sabiex issir *corner mirror* quddiem il-*garage* tiegħu biex b'hekk tneħħi l-periklu għal meta jkun qed joħroġ mill-*garage*. Din it-talba ma tistax tiġi milqugħa peress li talbiet simili minn dejjem ġew miċħuda u din hija problema komuni lil ħafna sidien ta' *basement garages*.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 24 ta' Ġunju 2013, fil-5.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Joseph Sultana** | **Anthony Grech** |
| ***Sindku.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |